MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Anthony Callus
vs
The Chairman Water Services Corporation

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1990 huwa kien sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni li kien haqqu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:
Huwa kien impjega ruhu mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici, fl-1979 u aktar tard qaleb ghal mad-Dipartiment ta' l-Ilma fis-sena 1985. Fl-1986 huwa kien imqabbad jiftah garage/workshop tal-haddieda u welders gewwa Kordin. Huwa dejjem ghamel xogholu kif suppost u ghalkemm in-nomenklatura tieghu kienet dik ta'

Supervisor, huwa xorta baqa' jiehu hsieb dan il-workshop allavolja kien dmir ta' grad iktar minnu.

Illi huwa kien applika ghal grad ta' WTO skond is-sejha ghall-applikazzjonijiet li kienet saret f'Mejju tal-1989. Huwa kien qaghad ghall-interview li hass li kien mar tajjeb hafna fih ghaliex il-mostoqsijiet li ghamlulu kienu rigward xoghol li kien ilu jaghmlu u ghal tul ta' snin. Meta hargu l-promozzjonijiet hu kien gie maqbuz minn persuni b'inqas esperjenza tax-xoghol u li baqghu qatt ma hadu r-responsabbilita` tal-Workshop li hu baqa' jmexxi. Huwa hass illi kieku din il-promozzjoni hadha meta kien suppost kien ikollu cans biex jimxi 'l quddiem aktar.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' 1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi jinghata l-promozzjonijiet li tilef jew inkella jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-kariga li ghaliha kien applika r-rikorrent f'Mejju ta' l-1989 inghatat skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

2. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema’ lix-xhieda bil-gurament.

Sema’ l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**
Illi r-rikorrent ipprezenta affidavit fejn semma li ilu impjegat mal-Water Works Department mill-1986 bhala Water Fitter. Qabel kien mal-Public Works Department. Semma li peress li n-nomenklatura tieghu kienet ta’ Welder/Burner kien gie maghzul biex jahdem fis-sezzjoni tal-Welders/Blacksmiths fil-garage il-gdid gewwa Kordin li d-Dipartiment fetah ghall-bzonnijiet tal-Water Works. Ghalih kienet sfida u mix-xejn holoq hanut li sal-gurnata tal-lum ghadu jmexxieh hu. Qal li fl-1987 in-nomenklatura tieghu nbidlet ghal dik ta’ Supervisor minghajr ma’ zdied fil-paga. Semma li fl-1989 kien applika ghas-sejha ghal applikazzjonijiet ghal WTO u meta hargu r-rizultati sab li ma giex maghzul u l-post gie mimli minn fitter li kien jahdem gewwa Ta’ Qali fuq manutenzjoni tal-pompa, linja totalment differenti minn dik ta’ Welder/Blacksmith. Qal li dak l-individwu u cioe` s-Sur Joe Zammit kien maghruf ghat-twemmin politiku tieghu. Ghalhekk hass li saret diskriminazzjoni politika mieghu u tilef promotion, u minhabba f’hekk hu qatt ma seta’ japplika ghal pozizzjoni oghla minn dik li ghandu llum.

Qal li f'Kordin hadd ma sar WTO fuq il-Welders/Blacksmiths u r-rikorrent ippretenda li jsir hu peress li kien hu li fetah il-workshop u li ghadu jopera sal-lum fejn hu ghadu jahdem sal-lum. Semma li x-xoghol li kien jaghmel f'Kordin kien fil-grad ta’ WTO. Sostna li Joe Zammit kien inqas kapaci minnu, dejjem bil-qieghda u ma kien jaghmel xejn u li x'aktarx kien bil-light duties u dan sar WTO. Qal li hu kien supervisor fuq il-Welders/Burners u Zammit kien fitter fuq il-pompi.

Xehed Tony Mifsud Audit Senior mal-Water Service Corporation li semma li lir-rikorrent ilu jafu mill-1984 u kien jahdem tahtu. Ir-rikorrent kien mar mill-Public Works Department u kien jahdem bhala Welder/Burner izda meta

gie trasferit maghhom tawh xoghol ta' fitter. Qal li kien sodisfatt bix-xoghol tar-rikorrent u qatt ma kellu problemi. Dak iz-zmien il-kariga tieghu kienet ta' Technical Officer III u kien jiehu hsieb id-Dipartiment minn naha teknika. Qal li qatt ma kellu rapporti negattivi jew kazijiet ta' dixxiplina fil-konfront tar-rikorrent. Fl-1986 tant kellu fiducja fir-rikorrent li kien qabbdu jorganizza l-hanut tal-Welders. Fl-opinjoni tieghu r-rikorrent kien bniedem kapaci ta' livell ta' Works Technical Officer. Jaf li fl-1989 kien applika ghal WTO pero` mbaghad ma kienx ghadu responsabbli hu mir-rikorrent.

Xehed Vincent Bonello li semma li jahdem mal-Water Services Corporation bhala Principal Foreman u qabel kien mal-Water Works Department. Meta xehed, ir-rikorrent kien jigi tahtu. Meta kien fil-workshop ta' Kordin ir-rikorrent kien jaghmel xoghol tajjeb u hu kien jaghtih hafna xoghol. Dak li kien hemm bzonn ghad-dipartiment kien jaghmlu. Qatt ma kellu rapporti negattivi jew kazijiet ta' dixxiplina. Li seta' qal fuq ir-rikorrent kien kollu pozittiv. Fl-opinjoni tieghu r-rikorrent seta' japplika u jinghata l-kariga ta' Works Technical Officer ghax kien ta' dak il-grad.

Xehed Maurice Mizzi Personnel Manager fil-Water Services Corporation li esebixxa l-Call for Applications ta' l-1989 ghall-post ta' WTO li ma kenitx miftuha ghall-government employees kollha izda ghall-Water Works biss fil-gradi kollha. Qal li kien hemm 136 applications, 45 failed, 12 absent u 79 li gabu passmark. Ipprezenta l-Order of Merit tal-kandidati kif gew u bil-marki li ottjenew u l-marki li gabu f'kull parti ta' l-ezami. Il-kriterji kienu Performance, Suitability, Personality, Seniority, Kwalifiki u Experience. Il-marki mqassmin ghal kull kriterju kienu 30 ghas-seniority, 30 ghall-kwalifiki, 40 ghall-esperjenza, 40 ghall-performance, 30 ghal suitability u 30 ghall-personality.

Qal li l-ewwel 30 li gew klassifikati hadu l-grad ta' WTO u dawn intaghzlu skond il-vakanzi li kellu d-Dipartiment. Ir-rizultat idum jghodd sena. Rigward ir-rikorrent qal li gab 10 ghas-Seniority, 0 ghall-kwalifiki, ghall-esperjenza 24,

22 ghall-performance, 18 ghal suitability u 15 ghal personality b'total ta' 89 u ghalhekk m'ghaddiex peress li l-passmark kienet 100. Semma li fuq l-interviewing board kien hemm Dr. Joe Mangion, Mr. Leone Vassallo u Mr. Stephen Spiteri li irrapprezenta l-OPM. Ikkonferma li kull ma sar kien interview ghal din is-sejha. Qal li lir-rikorrent ilu jafu u jafu bhala bniedem intelligenti u jahdem. Qal li r-rikorrent illum il-gurnata qed jaghmel xoghol ta' WTO. Ma kienx f'pozizzjoni jghid jekk dawk li ntghazlu kienux aktar kwalifikati mir-rikorrent. Qal li minn dawk it-30 li saru WTO kien hemm 18 li kienu senior tar-rikorrent, 8 kienu junior, 2 hadu l-appointment bhalu, ta' Group D, u 2 ohra ma kellux informazzjoni fuqhom ghax gew minn dipartimenti ohra. Sitta minn dawn li kienu juniors tar-rikorrent kienu Angel Grech, Saviour Darmanin, Michael Dingli, Nazzareno Caruana, Emanuel Ellul, u Joe Gregoraci.

Xehed <u>Dr John Mangion</u> li kkonferma l-firma tieghu fuq ir-rizultat. Qal li fl-ebda interview li kien involut fih, ma ttiehed in konsiderazzjoni l-ebda kulur politiku. Qal li hu kien ic-chairman tal-bord u z-zewg membri ohra li kien hemm fil-bord jahseb li ma kellhomx xi bias kontra xi hadd fir-rigward ta' politika. Qal li lahaq Professional Officer II fl-1988 u ghadu hekk sal-lum. Il-kariga kienet ghal WTO li dak iz-zmien kienet ekwivalenti ghal Foreman u ghal esperjenza riedu jaraw jekk applikant kellux esperjenza jimmanigja n-nies f' dak it-tip ta' xoghol. Dwar seniority riedu jaghtu marka ghal kull sena servizz.

Xehed <u>l-Inginier Stephen Spiteri</u> li semma li dak iz-zmien kien rapprezentant tal-OPM u kien qieghed fil-bord ghall-promozzjonijiet li kienu saru ghal WTO fl-1989 u dam Kastilja sa l-1991. F'dak il-bord ghall-promozzjonijiet hu kien li jaghmel liason bejn id-Dipartiment u l-PSC biex jara li l-process qed imur kif suppost. Il-bord kien ipprepara lista ta' kif se jigu mqassmin il-marki bid-diversi kriterji u dawn imbaghad jigu approvati mill-PSC. Qal li fil-bord kienu 3 persuni u cioe` hu, ic-Chairman Dr Mangion kif ukoll rapprezentant tad-Dipartiment li kien Mr Leone Vassallo. Qal li kien hemm 136 applikazzjoni u kienu ghaddew 79. 45 failed u 12 kienu absent. Dwar kemm

intaghzlu u hadu l-promozzjoni l-bord ma kellux x’jaqsam. Ovvjament jintaghzlu skond kif gew fl-order of merit tal-marki. Semma kif kienu mqassmin il-marki u fir-rigward ta’ seniority qal li nghataw marka ghal kull sena servizz li kienu ghamlu mal-Gvern. Waqt l-intervista qal li kellhom quddiemhom is-service and record sheet tal-kandidati biex jaraw kienx hemm xi rapporti negattivi fil-konfront taghhom u t-tul tas-servizz taghhom. Semma li fil-kaz ta’ O level kienu jaghtu zewg marki waqt li fir-rigward ta’ affarijiet ohra bhal per ezempju architect’s diploma jew higher technician’s diploma kienu jaghtu 10 marki. Fir-rigward tar-rikorrent ma kien hemm l-ebda kwalifiki u ghalhekk ma nghata l-ebda marka ghall-kwalifiki. Semma li ma kien hemm l-ebda diskriminazzjoni politika fl-ghoti tal-marki fl-appraisal ta’ l-individwu.

Semma li fl-interview kellhom is-service and leave record sheet. Din kienet tghid meta dahlu mal-kumpanija. Qal li jekk xi hadd ikun qed jaghmel xoghol ‘above his grade’ kienet tirrizulta biss mill-mistoqsijiet li kienu jsiru waqt l-interview u mhux minn xi dokumenti. Qal li ma setax jiftakar jekk waqt l-interview harigx il-fatt li r-rikorrent kien ilu zmien twil jaghmel xoghol above his grade. Semma li huma kienu staqsew lil kandidati kollha x’kienu qed jaghmlu dak iz-zmien mal-Korporazzjoni, fejn kienu qed jahdmu u fejn kienu stazzjonati. Qal li kull ma kien hemm soggettiv kienu seniority u l-kwalifiki. Semma li bhala membru fil-bord, waqt l-interview ghamel domandi bazikament dwar hobbies u passatempi tal-kandidati. Ma dahal bl-ebda mod fit-teknika u huma ffurmaw l-opinjoni fuq dak il-hin ta’ l-interview.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrent kien applika in segwitu ta’ cirkolari tal-1989 ghall-grad ta’ WTO. Irrizulta li r-rikorrent kien kunsidrat bhala haddiem kapaci u tajjeb u dan qaluh diversi xhieda inkluz li ma kienx hemm rapporti negattivi fil-konfront tieghu. Hu kien juri certu inizjattiva u kien jimmerita fiducja. Irrizulta wkoll li ghal dan l-ezami applikaw 136, 45 wehlu, 12 absent, 79 gabu passmark u 30 hadu l-appointment. Ir-rikorrent wehel u gab total ta’

89 marka u placing 92. Irrizulta li fl-ezami in kwistjoni qabzuh 8 juniors tieghu.

It-Tribunal jibda biex jghid li ma hu xejn konvint dwar il-mod kif imxew l-affarijiet fl-interview. Apparti mill-allokazzjoni tal-marki fejn seniority giet moghtija 15% u kwalifiki 15%, is-70% tal-marki l-ohra huma ta' natura suggettiva. Inoltre irrizulta li min kien junior tar-rikorrent fosthom Caruana Nazzareno u Emanuel Ellul inghataw 26 u 30 rispettivament ghal seniority waqt li r-rikorrent inghata 10 meta hu kien senior taghhom skond ix-xhud Maurice Mizzi. Bl-istess forza Caruana u Ellul juniors tar-rikorrent inghataw 35 kull wiehed ta' experience u Gregoraci junior tar-rikorrent inghata 37 waqt li r-rikorrent inghata 24.

Fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 it-Tribunal qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, is-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Izda f' din il-kawza t-Tribunal huwa ffaccjat bil-problema li ghalkemm ir-rikorrent hu certament persuna li giet deskritta bhala haddiem tajjeb fl-istess hin jirrizulta li l-maggoranza ta' dawk li saru kienu seniors tar-rikorrent. Ukoll jekk wiehed kellu jzidlu 20 marka ohra tas-seniority u xi 10 marki ohra ta' experience b' total ta' 30 xorta wahda ma jkunx bizzejjed biex ir-rikorrent jidhol mal-ewwel 30 ghax dan iwasslu ghal 119 marka meta kellu bzonn 130 biex jidhol mal-ewwel 30. Il-problema tar-rikorrent hija li hu ma nghatax marki ta' kwalifiki u ma

gabx prova li suppost inghata u ghalhekk dan it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja fit-termini tal-Kap 394 mhux ghax possibbilment ir-rikorrent ma kienx haqqu izda l-provi necessarji biex it-Tribunal ikun jista' jiddikjara li f' tali proceduri grat ingustizzja ma humhiex sufficjenti.  Izda minn naha l-ohra t-Tribunal ihoss li rrizulta car li r-rikorrent kien qieghed jaghmel xoghol superjuri ghall-grad tieghu ghal zmien twil u ghalhekk it-Tribunal jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet Pinu Axiaq vs Direttur Generali tal-Qorti deciza fl-20 ta' Gunju, 2000, li fiha t-Tribunal qal:

"Diversi drabi dan it-Tribunal hass li mhux sewwa li persuna iddum ghal zmien twil taghmel xoghol superjuri ghall-grad taghha u ma tinghatax il-promozzjoni jew kumpens ghax dan fil-verita' jammonta ghal li minn ikun qieghed ihaddem qieghed jiehu servizz superjuri ghal dak li qieghed ihallas tieghu.  Hi simili ghal li thaddem nies wara l-hin u ma thallashomx tieghu – haga mhix permessa mill-ligi.  Dan pero` jrid jitqies fil-fattispecji partikolari tal-kaz."

Fil-kawza fl-ismijiet Mario Vella vs Direttur tal-Edukazzjoni et deciza fit-2 ta' Novembru 2000 it-Tribunal qal:

"Impjegat li ghal zmien twil [f'dan il-kaz 7 snin] jaghmel xoghol superjuri ghal grad tieghu [labourer grupp A jaghmel xoghol ta' supervisor b'hamsin persuna tahtu] u b'mod efficjenti ghandu dritt ghal kumpens finanzjarju. Mhux necessarjament jaghtih id-dritt ghall-promozzjoni."

Ara wkoll Anthony Cachia vs Korporazzjoni Enemalta  6 ta' Dicembru, 2000.

Ghalhekk wara li ezamina t-talbiet tar-rikorrent kif ukoll l-eccezzjonijiet tal-intimat u l-atti kollha tal-kaz it-Tribunal ihoss li ma gewx prodotti provi sufficjenti biex jiddikjara li saret ingustizzja mar-rikorrent meta ma nghatax il-promozzjoni, izda fl-istess hin ihoss li ghandu jirrikmanda hlas ta' kumpens ta' elfejn u hames mitt lira [LM2500] minhabba x-xoghol superjuri ghall-grad tieghu li ghamel ir-rikorrent.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

--------------------------------TMIEM--------------------------------